***-ACTIO AESTIMATORIA U REDHIBITORIA –***

***- ARTIKOLU 1424 TAL-KAP 16 –***

***- AZZJONI MHUX TAL-KWALITA' PATTWITA -***

***- ARTIKOLU 1390 KAP 16 -***

***- TALE QUALE -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar, 2002**

**Kawza Numru: 33**
**Citazzjoni Numru: 635/98/RCP**

**Reuben u Maria Tania konjugi Briffa.**

**vs**

**Joseph u Mary konjugi Mallia.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-atturi akkwistaw il-fond li jgib in-numru 140, Kent Street, Fgura minghand il-konvenuti permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tat-28 ta' April 1997.

Illi rrizulta li fil-fond kien hemm soffitt li l-konvenuti informaw lill-atturi li kien twahhal biss ghar-raugunijiet personali tal-konvenuti, u cioe' sabiex izejnu l-post.

Illi meta l-atturi nehhew l-imsemmi soffit, irrizulta illi s-soffitt kien tqieghed hemm mill-konvenuti sabiex jinhbew travi, liema stat ta' fatt gie deliberament mohbi mill-konvenuti, u ghalhekk l-istat tal-fond ma kienx kif pattwit bejn il-partijiet.

Illi meta l-atturi interpellaw lill-konvenuti sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez relattivi sabiex jitnehhew l-imsemmija travi, peress li l-konvenuti hbew l-ezistenza tat-travi mill-atturi, dan baqghu ma ghamlu xejn, anzi qeghdin jirrifjutaw li jaghmlu dan.

Illi l-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi il-kawza billi:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti hbew l-ezistenza tat-travi in kwistjoni u ghaldaqstant huma unikament responsabbli ghall-ispejjez relattivi ghat-tnehhija tal-imsemmija travi, u

sabiex il-fond jigi riprestinat fl-istat kif pattwit bejn il-kontendenti.

2. Jigu likwidati id-danni sofferti mill-atturi inkluzi l-ispejjez relattivi ghat-tnehhija tal-istess travi, u jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundannhom ihallsu lill-atturi dawk id-danni u spejjez hekk likwidati – kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-16 ta' Frar 1998 u Lm10 ghall-konsult, kontra il-konvenuti li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 2 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tas-17 ta' Awissu 1998 a fol. 6 tal-process fejn ecceppew:-

(1) Illi l-fond *'de quo'* inbiegh *'tale quale'.*

(2) Illi m'hux veru li fih xi difett mohbi.

(3) Illi li kieku veru hemm difett, dan m'hux mohbi fis-sens tal-ligi, li tobbliga lix-xerrej jaghmel certi ispezzjonijiet.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 7 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u dokumenti esebiti a fol. 7 sa 13 tal-process.

Rat il-verbali tas-27 ta' Ottubru 1998, 10 ta' Novembru 1998, 24 ta' Mejju 1999, 16 ta' Gunju 1999, 9 ta' Frar 2000, 29 ta' Frar 2000, 3 ta' Mejju 2000, 4 ta' Ottubru 2000, 2 ta' Novembru 2000, 21 ta' Frar 2001 fejn gie nominat il-Perit Tekniku Godwin Abela sabiex jikkonstata s-soffitt u t-travi fl-entrata tal-fond *de quo*, jikkonstata jekk tali travi humiex intizi bhala dekorazzjoni jew biex izommu l-piz tas-saqaf soprastanti; jindika ix-xoghlijiet necessarji sabiex jigi mnehhi l-istess soffitt u travi; u jaghti stima tal-istess xoghlijiet, u l-kawza giet differita ghar-rapport ghat-13 ta' Gunju 2001.

Rat l-affidavit ta' Joseph Mallia datat 29 ta' Dicembru 1998, ta' Reuben, Maria Tania u Saviour Briffa tal-24 ta' Mejju 1999, ix-xhieda tal-Perit Carmel Caccopardo tat-28 ta' Frar 2000, ix-xhieda ta' John Gerada tal-21 ta' Frar 2001, il-verbal tal-access tat-30 ta' Marzu 2001 mizmum mill-Qorti bl-assistenza tal-perit tekniku.

Rat il-verbali tat-13 ta' Gunju 2001, u tal-21 ta' Gunju 2001 fejn il-Perit Tekniku halef ir-rapport minnu prezentat, u tal-14 ta' Novembru 2001 fejn id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport u gie prefiss terminu ta' erbghin (40) gurnata

sabiex l-attur jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet u l-istess terminu gie moghti lill-konvenuti ghall-nota responsiva, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2002.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi tal-21 ta' Dicembru 2001.

Rat in-nota responsiva tal-konvenuti tal-31 ta' Jannar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. L-Azzjoni Attrici.

Illi l-atturi qed jaghmlu din il-kawza stante li qed isostnu li meta xtraw il-fond numru 140, Kent Street, Fgura minghand il-konvenuti, l-konvenuti kienu sostnew li s-soffitt li hemm fl-istess fond sar biss ghar-ragunijiet ta' dekorazzjoni, mentri fil-fatt meta nehhew l-istess soffitt sabu li dan sar biex jinhbew travi, u ghalhekk l-istess atturi qed jitolbu li jigi ddikjarat li l-konvenuti hbew l-istess fatt lill-atturi b'dan li l-konvenuti jinzammu responsabbli ghat-tnehhija tal-istess, u sabiex konsegwentement jigu likwidati d-danni u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-istess danni lill-atturi nkluzi l-ispejjez relattivi ghat-tnehhija tal-istess travi.

**<u>B. PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi l-**attur** sostna li kien ra' d-dar diversi drabi ma' martu, missieru u s-sensal, u qal li kien staqsa ghaliex l-istess soffitt kien sar haga wahda ghaliex huma riedu inehhuh, u l-konvenut kien qalilhom li l-istess soffitt sar ghall-gost u ma kien hemm xejn fuqu; fil-kuntratt tnizzel li l-post kien qed jinxtara *tale quale* u peress li in-Nutar qal li din ma tezonerax lill-venditur mill-garanzija ta' difett latenti jew mohbija, l-attur ma oggezzjonax ghal tali kawlsola. Bdew jaghmlu ix-xoghlijiet fl-istess dar, u kif tnehha is-soffitt sabu l-imsemmija travi li l-perit Carmel Caccopardo qalilhom li biex jitnehhew kien hemm bzonn spejjez sostanzjali, qal lill-konvenut b'dan u talbu l-ispejjez necessarji sabiex jitnehhew it-travi izda l-konvenuti rrifjutaw li jhallsu u saret din il-kawza.

Illi din ix-xhieda hija kkorroborata minn **Maria Tania Briffa** u **Saviour Briffa**, missier l-attur fl-affidavit taghhom rispettivi tal-24 ta' Mejju 1998.

Illi il-**Perit Carmel Caccopardo** xehed fit-28 ta' Frar 2000 u sostna li kien mar fuq il-post fuq rikjesta tal-attur fit-28 ta' Frar 2000 meta kien prezenti wkoll il-konvenut u l-attur. Kien ra l-post qabel ma inxtara mill-atturi u kien osserva li x'kien hemm wara s-soffitt ma setghax ikun jaf ghaliex kien mghotti; wara gie informat mill-atturi li skond il-konvenuti wara l-istess soffitt ma kien hemm xejn. F'Gunju tal-istess sena kien ikkonstata li kien hemm travi wara l-istess soffitt, li skond huwa kienu rizultat ta' alterazzjonijiet strutturali li

kien hemm fil-passat, u dan setghu jigi kwalifikati bhala pastaz ghaliex saret biex jintrefa l-pis ta' bidliet strutturali li saru meta dik il-parti kienet inqatet mill-fond adjacenti biex tifforma parti mill-fond in kwistjoni.

Illi in kontro-ezami sostna li l-istess sistema ta' soffitt setghhet inqalet fi zmien hames minuti kieku kellu l-ghodda addattata, u qal li tali travi huma pastaz ghaliex fl-opinjoni tieghu dan jinkludi it-tqeghid ta' travu iehor minhabba li jkun zdid il-pis fuqu li ghalih ma jkunx intiz, u fl-ebda mument ma kkonstata li kien hemm hsarat strutturali fl-istess post, u kkonferma c-certifikat rilaxxat minnu a fol. 20 tal-process.

Illi **John Gerada** sostna li huwa jahdem ta' bajjad u kien qed jahdem fil-fond *de quo* u qal lill-attur u lill-missieru biex jahsbu halli jaqilghu is-soffitt li kien parti wahda tal-plywood ippressat u tahsbu parti normali tas-saqaf, b'mod li biex tara tahtu irid jinqala; fil-fatt missier l-attur qata' bicca minnu b'*chaser* u raw it-travi u qal li kieku kien jaf bit-travi ma kienx jixtrih.

Illi mill-provi prodotti l-**konvenut** sostna li l-attur kien gie jara l-post diversi drabi flimkien ma martu, w ukoll ma omm l-attrici, u wkoll ma missier l-attur u fl-ahharnett mal-Perit Caccopardo, u fuq is-soffit li kien maghmul tal-fibre b'disinji tondi u dekorattiv, kien qallu li kien sabu hemm, u fil-fatt sar il-kuntratt fejn il-post inbiegh *"tale quale".* Xi tlett gimghat jew xahar wara mar missier l-attur li qallu li l-post kien fih xi diffetti u li kellu jwaqqa' tlett kwarti minnu; inkariga lill-Perit Rene' Buttigieg, li kkonstata li l-istess post ma kien fih ebda

difetti u li t-travi ma kienux "pastaz". Wara l-attur beda isostni li l-istess soffitt kien *eyesore* u wara ghall-habta tal-Milied tas-sena 1977 kien talbu hames mitt lira Maltija (Lm500) sabiex ma ssirx kawza.

**Il-Perit Rene' Buttigieg** ikkonferma c-certifikat tieghu tat-8 ta' Gunju 1997 li jinsab esebit a fol. 13 tal-process li spjega li z-zewg travi li jinsabu fil-pjan terren kienu jiffurmaw parti integrali tal-kostruzzjoni tal-fond, wiehed sabiex jerfa' l-piz tal-hajt li hemm fuqu, u iz-zghir sabiex jerfa' il-pjan b'indana mieghu, u certament li ma huwiex 'pastaz'.

Illi l-**Perit Tekniku Godwin Abela A & C.E.** mqabbad minn din il-Qorti b'rapport tieghu pprezentat fit-28 ta' Mejju 2001 kkonstata l'ezistenza tal-istess soffitt kif jidher mir-rittratti Dok. A1 a fol. 89 tal-process, li kkonstata li ma hemm ebda hsara strutturali fl-istess fond u li t-travi ta' wara is-soffitt saru ghar-ragunijiet strutturali minnu elenkati fil-paragrafu (d) (e) u (f) a fol. 4 tal-istess relazzjoni peritali, u saru biex jerfghu piz addizzjonali ghal tibdil strutturali li sar fl-istess fond, u biex jitnehhew hemm bzonn spiza ta' Lm1,848.00 kif hemm elenkat f'paragrafu 5 ta' pagna 5 tal-istess rapport.

## C. Apprezzamment tal-provi u l-ligi applikabbli.

Illi l-atturi fil-verbal tal-10 ta' Novembru 1998 sostnew li l-azzjoni taghhom hija ibbazata fuq *actio aestimatoria* abbazi tal-**artikolu 1424** *et sequitur* tal-**Kap 16**, u b'nota tat-23 ta'

Novembru 1998 iddikjaraw li l-azzjoni saret ukoll skond l-**artikoli 993 u 1390 tal-Kap 16**

Illi salv dak li jinghad iktar il-quddiem dwar in-natura tal-azzjoni attrici kif impostata mill-atturi, din il-Qorti thoss li fil-kaz in ezami ma jistax ikun gudizzjarjament korrett li l-atturi jibbazzaw l-azzjoni taghhom fl-istess hin kemm fuq l-**artikolu 1424 u wkoll fuq l-artikolu 1390 tal-Kap 16** u dan stante li l-istesss azzjonijiet jittrattaw zewg tipi ta' azzjonijiet ben differenti u distinti minn xulxin, u liema azzjonijiet ma humiex konfondibbli.

Illi fil-fatt l-azzjoni redhibitoria jew aestimatoria taghti garanzija lix-xerrej ghal difett latenti jew mohbi ezistenti fil-mument tal-bejgh fl-oggett mertu tal-bejgh u xiri, mentri min-naha l-ohra l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 1390** titratta dwar il-fatt li l-oggett mertu tal-bejgh ma jkunx skond kif miftiehem jew pattwit, li ovvjament ma jimportax u ma jfissirx li tali oggett ikun fih xi difett.

Illi fid-dawl ta' dan huwa wkoll ovvju li fil-kuntest tal-azzjoni attrici, dik l-azzjoni deskritta bhala *actio aestimatoria* jew *actio redhibitoria* ma tistax tirnexxi, stante li mill-provi irrizulta li kemm iz-zewg periti *ex parte* u kemm il-perit tekniku inkarigat mill-Qorti, kollha kemm huma kkonstataw li l-fond mertu tal-kawza odjerna ma kienx adebit bl-ebda difett la latenti u lanqas fid-deher, tant li l-istess fond kien strutturalment stabbli.

Illi ghalhekk jidher li l-azzjoni attrici saret abbazi tal-**artikolu 1390 tal-Kap 16,** tant li fil-verita' jidher li fuq hekk hija ippermjata l-azzjoni attrici, stante li mill-istess premessi tac-citazzjoni jidher li saret emfazi fuq l-allegazzjoni li l-konvenuti kienu qalu lill-atturi, qabel ma inxtara l-fond, li s-saqaf tas-soffitt kien sar biss ghall-skopijiet ta' dekorazzjoni.

Illi fil-fatt din hija l-bazi tal-azzjoni attrici u cjoe' li huma qed jikkontendu li l-istess konvenuti taw l-assigurazzjoni taghhom li wara u fuq l-istess saqaf tas-suffitt ma kien hemm xejn mohbi, u ghalhekk l-istess atturi ghamlu din il-kawza, peress li wara li nehhew l-istess soffitt fil-pjan terran tal-imsemmi fond huma sabu it-travi deskritti fir-rapporti peritali u li gew ikkonstatati mill-Qorti fl-access minnha mizmum, u sostnew ukoll li minhabba dawn it-travi huma ser ikollhom jidhlu fi spejjez stante li ma rieduhomx.

Illi pero' din l-allegazzjoni attrici dwar dan ma hijiex sostanzjata mill-provi prodotti ghaliex fl-ewwel lok il-konvenuti cahdu kategorikament li huma ghamlu l-istess kondizzjonijiet fil-bejgh tal-imsemmi fond, u fit-tieni lok jirrizulta li l-atturi flimkien ma missier l-attur u il-Perit Carmel Caccopardo, raw l-istess fond diversi drabi qabel ma xtrawh, u ghalkemm huwa ovvju li bl-istess soffitt ma setghux jaraw x'hemm warajh, mix-xhieda tal-istess perit inkarigat mill-atturi stess, cjoe' l-Perit Carmel Caccopardo, jirrizulta li fil-kontro-ezami tieghu tat-28 ta' Frar 2000 dan sostna li ma kien hemm ebda diffikulta' sabiex jinqala' l-istess soffitt u jigi skopert x'kien hemm warajh tant li huwa

ddeskriva li l-istess kwistjoni kienet tirrisolva ruhha *"f'hames minuti kieku kellu l-ghodda addattata biex jaqalghu kien jaqalghu".*

Illi ghalhekk kien fl-interess tal-istess atturi, li jekk huma kellhom xi dubju dwar x'kien hemm wara l-istess soffitt, u huma hassew li dan kien tant importanti anke ghall-konkluzjoni tal-istess bejgh, huma kellhom fl-ewwel lok jindigaw dwar l-istess qabel ma jixtru l-istess fond, iktar u iktar meta jidher li dan kien l-iskop primarju ghaliex huma hadu maghhom lill-perit taghhom sabiex jispezzjonaw l-istess fond qabel ma jixtruh. Dan in-nuqqas da parte tal-atturi ghalhekk ma huwa bl-ebda mod attribwibbli lill-konvenuti, u ghalhekk l-istess konvenuti ma jistghux jinzammu responsabbli ghall-istess, iktar u iktar meta tali fatt kien facilment jista' jigi kkonstatat.

Illi fit-tieni lok jidher li mill-kuntratt tal-akkwist dan il-fond gie mibjugh *"tale quale"* u ghalkemm huwa ormai pacifiku li tali frazi ma tistax tigi kkunsidrata *a priori* bhala li tezonera lill-vendituri mill-garanzija ta' difett latenti kif gie kemm-il darba affermat mill-Qrati nostrali inkluzi fis-sentenzi **"Mario Debono et vs Anthony Portelli et"** (P.A. FGC. 16 ta' Ottubru 1998 – LXXXII.iii.281; **"Martin Bajada vs Anthony Paul Demajo nomine"** K. JDC. 7 ta' Novembru 1988 – Vol. LXXII.iv.817; "**Frances Attard vs Anthony Gatt"** P.A. 10 ta' Novembru 1986; u **"Gerald Mercieca et vs Emmanuele Zammit"** A.K. 5 ta' Marzu 1979), min-naha l-ohra la darba f'dan il-kaz ma jirrizultax li kien hemm difetti latenti, tali klawsola ma taghtix protezzjoni lill-vendituri ghal

dawk il-partikolaritajiet fl-oggett mertu tal-bejgh li l-istess xerrejja setghu jikkonstataw facilment, kemm ghaliex kienu apparenti, u kemm ghaliex setghu, b'ezami semplici u bi ftit aktar attenzjoni kif mistennija minn bniedem ta' diligenza ordinarja, jigu identifikati, bhal ma rrizulta li huwa l-kaz odjern, kif ikkonfermat mix-xhieda tal-istess Perit Carmel Caccopardo gja fuq citata.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess jirrizulta li l-azzjoni attrici ibbazata fuq l-**artikolu 1390 tal-Kap 16** ma tistax tirnexxi kemm ghaliex ma jidhirx li kien hemm xi ftehim jew garanziji moghtija mill-konvenuti li wara l-istess soffitt ma kienx hemm travi, u kemm ghaliex dan il-fatt setgha jigi facilment verifikat mill-atturi kif spejgat mill-perit *ex parte* tal-istess atturi, u kif ukoll peress li la darba ma jirrizultax li l-istess fond huwa adebit b'difett latenti, anzi jirrizulta li l-istess fond huwa strutturalment stabbli, jidher li l-klawsola *tale quale* timmilita wkoll kontra t-tezi attrici ghall-garanziji ulterjuri fuq dak li kien apparenti jew li setgha facilment b'attenzjoni ta' bniedem ta' diligenza ordinarja jigi konstatat, bhal ma huwa ovvjament il-kaz odjern.
Illi jinghad ukoll li hemm diffikulta' ulterjuri sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici, u dan peress li l-azzjoni hija mpostata minnhom abbazi tat-tieni u t-tielet talba tac-citazzjoni bhala azzjoni ta' danni u kundanna ghall-hlas ta' danni.

Illi pero` l-azzjoni ibbazata fuq l-**artikolu 1390 tal-Kap 16,** kif inghad fis-sentenza "**Emanuel Borg vs John Xuereb**" (App. Civ 25 ta' Jannar 1989) tirrikjedi li jekk il-venditur jikkonsenja haga mhux tal-kwalita` pattwita jew mhux bhal

kampjun li fuqu l-vendita tkun saret, il-kumpratur jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jirceviha bi tnaqqis fil-prezz fuq stima ta' periti u din l-azzjoni hija preskrivibbli b'eghluq is-sentejn mill-bejgh.

Illi il-kaz odjern pero` l-atturi ma ghazlux wahda mill-alternattivi offerti mill-ligi, pero` ghazlu li jitolbu biss danni, rimedju li mhux kontemplat fil-ligi hlief abbazi tal-**artikolu 1390** meta l-atturi jirrifjutaw il-haga, u meta jaccettaw il-haga l-unika haga li jistghu jitolbu huwa biss tnaqqis fil-prezz abbazi ta' stima ta' periti.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni attrici kif inhi imposta bhala azzjoni merament ta' danni ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh, fejn l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skond l-**artikolu 1427** u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi tal-**artikolu 1390 tal-Kap 16**.

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet "**Nadia Cassar et vs Charles Pace noe**" (K. JDC. 13 ta' Marzu 1995), fejn inghad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess **Kodici Civili** taht it-**Taqsima 2, Titolu 6, Sub-titolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** u dan abbazi tal-insenjament maghmul fis-sentenza "**Scicluna vs Scerri"** (K. 16 ta' Jannar 1958 – XLII.ii.855), fejn inghad illi: "*l-opinjoni preponderanti hija li*

*si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-disposizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-ligi."*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Anthony McKay vs Alfred Cassar**" (K. (JF) 10 ta' Dicembru 1992), fejn gie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-*actio aestimatoria* u/jew *redhibitoria* jew l-azzjoni skond l-**artikolu 1390**, u dan gie kkonfermat fis-sentenza **"JC Hydraulics Ltd vs Waste Control Services Limited"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001).

Illi fil-fatt fl-istess sentenza gew affermati is-segwenti principji u cjoe' li minn dak fuq premess jirrizulta li per analogia u applikati l-principji fuq esposti jirrizulta li:

*"(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permessibbli lix-xerrej,*

*(b) t-talbiet tax-xerrej huma limitati ghal dak li jiprovdu d-disposizzjoni tal-istess artikoli, b'dan ghalhekk li f'kawza tan-natura ta' dik kontenuta fil-kontro-talba* (f'dan il-kaz citazzjoni) *odjerna u abbazi tal-**artikolu 1390** u/jew l-**artikolu 1427 tal-Kap 16** kellha tintalab 'sine qua' non li:*

*(i) l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita jew dikjarazzjoni ta' difett latenti;*

*(ii) talba ghall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifuzjoni ta' parti tal-prezz li tirrizulta li hija in eccess ta' dak stabbilit mill-Qorti jew li tinghata il-haga lura u jintradd il-prezz, jew abbazi tal-**artikolu 1390** jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz inqas fuq stima ta' periti."*

Illi minn ezami tac-citazzjoni odjerna jirrizulta li din l-azzjoni saret biss abbazi ta' danni *ex contractu* skond il-principji generali tal-kuntratti u ghalhekk ghal kollox differenti u estraneja ghall-ligi specjali u azzjonijiet *ad hoc* permessibbli taht il-kuncett guridiku ta' bejgh jew tpartit skond kif gie ritenut ukoll fis-sentenza "**Portelli vs Grima**" (A.C. 27 ta' Novembru 1957 – XLI.i.341).

Illi fil-fatt jista' jinghad li skond l-**artikolu 1390** l-azzjoni ta' danni tista' biss tirnexxi jekk ix-xerrej jaghzel li jirrifjuta l-haga, li ovvjament l-atturi ma ghamlux skond il-premessi minnhom esposti, u ghalhekk l-azzjoni taht l-**artikolu 1390** ma tistax tirnexxi.

Illi jekk wiehed ihares lejn l-**artikolu 1427** relattiv ghall-*actio redhibitoria* u l-*actio aestimatoria*, id-danni japplikaw biss fil-kaz ta' *malafede* da parti tal-bejjiegh, u ghalhekk dan ifisser li sabiex jirnexxu t-talbiet ta' danni konsegwenti ghall-bejgh jew tpartit dan jippresumi l-ezistenza u l-esitu posittiv u favorevoli ta' wahda mill-azzjonijiet specjali fuq indikati li fic-citazzjoni attrici huma ghal kollox mankanti (**"Buttigieg vs Hirst**" (Vol XXXII.i.163).

Illi ghalhekk abbazi tal-premess t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tichad it-talbiet attrici** bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Frar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Frar 2002**